MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta ta' 25 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1095/2002

**HSBC Bank Malta plc**
**Vs**
**1. Gilbert Borg bhala debitur principali**
**2. Rita mart l-istess Gilbert Borg bhala garanti solidali**
**Il-Qorti;**

**Rat ic-citazzjoni li biha il-bank attur wara li ppremetta:-**

**Illi l-konvenuti huma veru cert u likwidu debituri a favur tas-socjeta atrici fis-somma ta' sitt elef u hamsa u hamsin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm6055.68) in kwantu ghal-hames elef hames mija u hdax il-Lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm5511.63) bhala kapital u hames mija erba' u erbghin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm544.25) bhala interessi mit-23 ta' Jannar, 2001, sal-31 ta' Lulju, 2002, oltre interessi ulterjuri bit-tmienja fil-mija fis-sena (8%p.a.) sad-data tal-pagament effettiv, dovuti ghall-overdraft account' numru zero erba' erba zero erba seba erba tnejn wiehed tlieta erba zero (044 047 421 340(Dok A u Dok B).**

**Illi l-konvenuta kksostitwiet ruhha garanti solidali mal-konvenut sal-ammont ta' hames elef hames mija u tmienja u hamsin Lira ;Maltin (Lm5558) oltre l-interessi mill-1 ta' Ottubru, 2001, in forza ta' guarantee form datata 12 ta' Marzu, l999 (Dok C);**

**Illi ghalkemm debitament interpellati (Dok D u E), huma baqghu inadempjenti;**

**Illi il-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talbiet attrici skond l-anness affidavit ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 (Dok. F);**

**Talab ghalhekk lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-**

**1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh tal-provi ai termini tal-Art. l67 – 171 tal-Kap. 12;**

**2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici is-somma ta' sitt elef hames mija u hamsa u hamsin Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm6055.88) in kwantu ghal-hames elef hames mija u hdax il-Lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm5511.63) bhala kapital u hames mija erba' u erbghin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm544.25) bhala interessi mit-23 ta' Jannar, 2001, sal-31 ta' Lulju, 2002, oltre interessi ulterjuri bit-tmienja fil-mija fis-sena (8%p.a.) sad-data tal-pagament effettiv, dovuti ghall-overdraft account' numru zero erba' erba zero erba seba erba tnejn wiehed tlieta erba zero (044 047 421 340 ) b'dan illi l-konvenuta Rita Borg tkun tenuta thallas lis-socjeta attrici sa l-ammont ta' hames elef hames mija u tmienja u h;amsin Lira Maltin (Lm5558) oltre l-interessi mill-1 ta' Ottubru, 2001 sad-data tal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' zewg (2) ittri ufficjali datati l-1 ta' April, 2002 u; bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni..**

**Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;**

**Rat li l-konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u fis-seduta tallum imsejhin tlett darbiet lanqas ma deheru;**

**Peress li fic-cirkostanzi it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata llum stess, bid-dispensa tas-**

**smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;**
**Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-ispejjes u bl-imghat legali kontra il-konvenuti.**

**Imhallef**

**Dep. Registratur**